MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Avviz Numru. 539/2002

**Mons. Joseph Dalmas**

**vs**

**Iris Dalmas**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Settembru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi tikkonsenja lill-attur, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilha prefiss minn din il-qorti,**

**inkwatru "*still life*" ta' frott u fjuri prevja d-dikjarazzjoni li l-imsemmi inkwatru huwa proprjeta' tal-istess attur;**

**2. Illi fin-nuqqas li taghmel dak lilha mitlub fl-ewwel talba, thallas lill-attur il-valur tal-istess inkwatru skond stima li ghandha tigi likwidata minn din il-qorti, okkorrendo, bl-ghajnuna ta' periti nominandi;**

**3. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;**

**4. Ghal fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi l-valur tal-inkwatru ma' jeccedix l-elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 t'Ottubru tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi l-inkwatru in kwistjoni huwa propjeta' tal-konvenuta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Rat in-noti pprezentati mir-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sitentitkament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-partijiet involuti kienu ilhom jabitaw flimkien mill-1957;**

**2. Illi fl-1998 l-attur jirrizulta li kien involut f'incident awtomobilistiku u stante li ma setghax jibqa' jkun akkudit mill-konvenuta kellu jitlaq mir-residenza ordinarja tieghu u jmur, flimkien mal-konvenuta jirrisjedi ghand ohtu ohra;**

**3. Illi rigward l-oggett meritu tal-procedura odjerna jirrizulta li dan kien gie kommissjonat espressament mill-attur li anke xtralu l-gwarnic tieghu;**

**4. Illi dan l-oggett originarjament kien jinsab fir-residenza ordinarja ta' l-attur izda wara l-imsemmi incident awtomobilistku u r-rikoveru ta' l-attur ghand ohtu ohra, dan hadu mieghu ghand l-indikata ohtu r-Rabat;**

**5. Illi ghalkemm il-konvenuta qed issostni li dan l-oggett tahula l-istess attur ghas-saldu ta' kcina li hi hallset f'xi residenza li kellhom Ghawdex jirrizulta li dan hu awtorevolment konfutat mill-attur;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi, u konsegwentement filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta takkolji t-talbiet attrici u tordna lill-konvenuta biex fi zmien xahar millum tikkonsenja lill-attur l-inkwatru meritu ta' din il-procedura u fin-nuqqas thallas lill-attur l-**

**ammont ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin, (LM2,500.00,0), bl-ispejjez.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------